# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 858/01GV**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' elf, seba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm1,768.17) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' prodotti ghall-konsum lilha fornuta u konsenjata mis-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjeta' konvenuta interpellata ghall-hlas bilancjali baqghet inadempjenti;

Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddecidi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont bilancjali komplessiv ta' Lm1,768.17 (elf seba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-interpelazzjoni sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' April, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet l-ammont mitlub ghal-elf seba' mija tnejn u tletin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm1,732.77);

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' elf seba' mija tnejn u tletin lira

Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,732.77) bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**